

Brussell, 27 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12464/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0189(COD)

CODEC 1417
PI 132

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-27 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 207 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018².
3. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mis-16 sad-19 ta' Settembru 2019. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkunu aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 11515/18 + COR 1.

² ĠU L 110, 22.3.2019, p. 55.

³ 8490/19.

4. Il-proposta għal Regolament hija parti minn pakkett uniku mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografici⁴, li għall-adozzjoni tagħha tenħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Fid-dawl tal-fatt li l-proposti jagħmlu parti minn pakkett, l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament għandu jiġi finalizzat biss wara l-adozzjoni preċedenti tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill⁵.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova, bl-astensjoni tal-Kroazja u tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 74/19;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
 - jiddeċiedi li jipubblika d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum 1 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-att legiſlattiv.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 11510/18 + ADD 1.

⁵ 12384/19 + ADD 1 + ADD 2.